# Riċerka Kwalitattiva Naturalistika

## Fil-qosor

**ENG** *Qualitative naturalistic research* **SPA** *Investigación cualitativa naturalista*

### sommarju

Ir-riċerka kwalitattiva hija waħda mit-tliet paradimmi metodoloġiċi ta' riċerka; it-tnejn l-oħra huma r-riċerka kwantitattiva u r-riċerka b'metodi mħallta. It-terminu *riċerka kwalitattiva* jiġbor fih approċċi għal investigazzjonijiet empiriċi li jinvolvu l-ġbir, l-analiżi u l-preżentazzjoni ta' data f'forma narrattiva. B'mod wiesa' ħafna, ir-riċerka kwalitattiva tinvolvi prinċipalment investigazzjonijiet esploratorji u naturalistiċi f'kuntesti mill-ħajja reali biex tinġabar u tiġi analizzata data mhux numerika, sabiex nifhmu b'mod komprensiv ir-realtà soċjali tal-individwi, jiġifieri biex nesploraw fenomeni soċjali u nifhmu kif u għaliex iseħħu. Din l-entrata tiffoka speċifikament fuq riċerka kwalitattiva empirika fl-Istudji tat-Traduzzjoni (ST), jiġifieri, fuq investigazzjonijiet kwalitattivi mwettqa f'ambjenti naturalistiċi.

Fl-ST, ir-riċerka kwalitattiva tesplora l-imġiba, il-perċezzjonijiet, l-esperjenzi, il-proċessi tat-tradutturi, u l-bqija biex tifhem fil-fond kif iseħħu t-traduzzjonijiet, kif it-tradutturi jwettqu xogħolhom, il-motivazzjonijiet u l-emozzjonijiet tagħhom, kif jirrelataw mat-testi, l-għodod, il-kollegi, eċċ. Fost il-karatteristiċi ċentrali tar-riċerka kwalitattiva nsibu n-natura suġġettiva, interprettativa u induttiva tagħha, filwaqt li l-limitazzjonijiet tagħha jinkludu n-nuqqas ta' ġeneralizzazzjoni, is-suġġettività, u l-preġudizzji u l-effett tal-osservatur/intervistatur.

### rekord

Claudine Borg

2024

Borg, Claudine. 2024. "Riċerka Kwalitattiva Naturalistika" @ *ENTI (Encyclopedia of Translation and Interpreting).* AIETI.

https://doi.org/ 10.5281/zenodo.11526471

https://www.aieti.eu/enti/qualitative_naturalistic_MLT

# Artiklu

**ENG** Qualitative naturalistic research **SPA** Investigación cualitativa naturalista

## werrej

Introduzzjoni | Elementi ewlenin tar-riċerka kwalitattiva | Meta għandek tuża r-riċerka kwalitattiva? | Approċċi fir-riċerka kwalitattiva | Proċeduri ta' riċerka | Limitazzjonijiet u sfidi ewlenin | Kriterji ta' kwalità | Kwistjonijiet etiċi | Potenzjal ta' riċerka

## Introduzzjoni

It-terminu *riċerka kwalitattiva* jindika approċċi għal investigazzjonijiet empiriċi li jinvolvu l-ġbir, l-analiżi u l-preżentazzjoni ta' data f'forma narrattiva, u mhux numerika. Hija waħda mit-tliet paradimmi metodoloġiċi ta' riċerka; it-tnejn l-oħra huma *r-riċerka kwantitattiva* u *dik b'metodi mħallta*.

B'mod wiesa' ħafna, ir-riċerka kwalitattiva tistudja aspetti umani biex teżamina fid-dettall kif in-nies jipperċepixxu u jesperjenzaw id-dinja. Fl-Istudji tat-Traduzzjoni (ST), ir-riċerka kwalitattiva tesplora l-imġiba, il-perċezzjonijiet, l-esperjenzi, il-proċessi, l-interazzjonijiet tat-tradutturi, u l-bqija biex tifhem fil-fond kif iseħħu t-traduzzjonijiet, kif it-tradutturi jwettqu xogħolhom, il-motivazzjonijiet u l-emozzjonijiet tagħhom, kif jirrelataw mat-testi, l-għodod, il-kollegi, eċċ.

Ir-riċerka kwalitattiva mhux dejjem tqieset empirika. Għal żmien twil kienet meqjusa suġġettiva, mhux xjentifika u li l-funzjoni tagħha kienet strettament marbuta mal-ħolqien tal-ipoteżi; dan wassal għax-xiżma oriġinali bejn ir-riċerkaturi kwalitattivi u dawk kwantitattivi. Xi kultant ir-riċerka kwalitattiva għadha taffaċċja din il-kritika, b'xi uħud għadhom iqisu r-riċerka kwantitattiva bħala aktar xjentifika u oġġettiva. Iżda, kif se naraw aktar 'il quddiem, is-suġġettività hija waħda mill-karatteristiċi ewlenin tar-riċerka kwalitattiva u tista' titqies ukoll bħala wieħed mill-vantaġġi li toffri.

Studji empiriċi jistgħu jkunu jew sperimentali, jiġifieri jseħħu f'ambjenti artifiċjali li ta' spiss ikun xi laboratorju, jew naturalistiċi. Din l-entrata tiffoka speċifikament fuq riċerka kwalitattiva empirika mwettqa f'ambjenti naturali. Għalhekk, tipi oħra ta' riċerka kwalitattiva fil-qasam tat-traduzzjoni, bħal dik teoretika, storika jew arkivjali, mhux se jiġu diskussi hawnhekk minħabba restrizzjonijiet ta' spazju.

Filwaqt li, tradizzjonalment, il-metodoloġiji kwalitattivi u kwantitattivi kienu meqjusa bħala antitetiċi u irrikonċiljabbli, illum il-ġurnata jitqiesu inqas bħala opposti kompleti u aktar bħala kumplementari, adatti għal skopijiet differenti u li waħda ssaħħaħ lill-oħra. Barra minn hekk, ħafna drabi jkun hemm element kwantitattiv f'investigazzjoni kwalitattiva u viċi versa; fil-każ tar-riċerka kwalitattiva, il-kowds

u l-kategoriji li joħorġu minn data kwalitattiva normalment jingħaddu u jiġu ppreżentati f'forma numerika, u kliem b'implikazzjoni kwantitattiva bħal *il-maġġoranza*, *ħafna*, *spiss* u *qatt* huma komuni f'rapporti ta' riċerka kwalitattiva.

Barra minn hekk, il-paradimmi kwalitattivi u kwantitattivi tar-riċerka qed jitħalltu aktar ta' spiss fi proġetti ta' riċerka *b'metodi mħallta* li jikkombinaw proċeduri miż-żewġ paradimmi. Dan huwa partikolarment il-każ fl-ST, fejn il-metodi qed jintużaw dejjem aktar flimkien u jagħmlu kontroreferenza għal xulxin sabiex jinkiseb għarfien aktar komprensiv u preċiż. Kif tenfasizza din l-entrata, l-importanti mhuwiex jekk ir-riċerka hijiex kwantitattiva jew kwalitattiva, oġġettiva jew suġġettiva, iżda l-implimentazzjoni rigoruża mill-bidu sal-aħħar, l-applikazzjoni ta' kriterji ta' kwalità sabiex jissalvagwardjaw ix-xjentifiċità tagħha u, li l-metodi ta' riċerka jkunu jikkorrispondu mal-għanijiet u l-objettivi tagħha.

Iura għal fuq

## Elementi ewlenin tar-riċerka kwalitattiva

Minkejja li r-riċerka kwalitattiva empirika tvarja ħafna, hi dinamika u dejjem tinbidel (Creswell & Poth 2018: 35), hemm diversi elementi distintivi li jikkaratterizzawha. L-ewwel nett, hija naturalistika: "riċerkaturi kwalitattivi jistudjaw l-affarijiet fl-ambjent naturali tagħhom u jippruvaw jagħmlu sens jew jinterpretaw fenomeni f'termini tat-tifsiriet li jagħtuhom in-nies" (Denzin & Lincoln 2018: 45). Għalhekk, sitwazzjonijiet mill-ħajja reali li jseħħu b'mod naturali, il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tan-nies, l-interpretazzjoni li jagħtu lit-tifsiriet, l-interazzjonijiet, l-attivitajiet u l-proċessi jiġu investigati fl-ambjent konkret u awtentiku li jseħħu fih. Ir-riċerkatur jintervjeni mill-inqas possibbli mingħajr ma jimmanipula aspetti jew jikkontrolla l-varjabbli, għalkemm il-preżenza tal-osservatur bilfors tinfluwenza xi ftit lill-parteċipanti (kif se naraw iktar 'l isfel). L-oġġetti studjati huma kumplessi wisq biex jiġu ridotti għal varjabbli individwali u jiġu studjati b'mod iżolat.

Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' sitwazzjonijiet artifiċjali maħluqa fil-laboratorji, fl-istudji naturalistiċi huwa diffiċli li tidentifika u tiżola l-varjabbli. Minflok, ir-riċerka kwalitattiva tagħti importanza lill-kuntest: il-parteċipanti jiġu analizzati fl-interità tagħhom, fl-ambjent solitu tagħhom huma u jwettqu r-rutini, il-prattiki u l-azzjonijiet normali tagħhom; l-attivitajiet jiġu eżaminati fl-intier tagħhom u fil-kuntest reali, partikolari u temporali tagħhom (Flick 2018: 13). It-tradutturi għalhekk jiġu studjati fil-post tax-xogħol tagħhom stess—pereżempju, fl-aġenzija tat-traduzzjoni li jaħdmu fiha jew fil-kabina waqt li qed jinterpretaw xi konferenza. Din il-kuntestwalizzazzjoni hija importanti biex nifhmu aħjar lill-parteċipanti u s-sitwazzjonijiet, u biex ninterpretaw is-sejbiet tar-riċerka.

Filwaqt li r-riċerkaturi kwantitattivi jżommu distanza bejnhom u bejn is-suġġetti tagħhom sabiex jibqgħu oġġettivi huma u jiġbru l-evidenza, ir-riċerkaturi kwalitattivi għandhom it-tendenza li jistudjaw il-parteċipanti mill-qrib sabiex jiġbru l-fehmiet suġġettivi tagħhom. Il-parteċipanti ma jinqalgħux mill-ambjent tagħhom stess, ngħidu aħna, billi jittieħdu f'laboratorju u jiġu studjati mill-bogħod.

Fil-fatt, ir-riċerkaturi kwalitattivi jmorru huma stess fl-ambjent tal-parteċipanti tagħhom—li ġeneralment ikun id-dar jew il-post tax-xogħol—sabiex jippruvaw inaqqsu d-distanza bejnhom u l-parteċipanti tar-riċerka tagħhom, u jiġbru informazzjoni kuntestwalizzata u diretta mill-post fejn qed isseħħ ir-riċerka. Il-pożizzjoni tagħhom rigward *id-distanza* hija riflessa wkoll fit-termini li jużaw biex jiddeskrivu l-persuni involuti fir-riċerka tagħhom: ir-riċerkaturi kwantitattivi ġeneralment jirreferu għall-

individwi li jipparteċipaw fir-riċerka tagħhom bħala *suġġetti* filwaqt li r-riċerkaturi kwalitattivi jippreferu t-terminu *parteċipanti*, li jimplika involviment aktar attiv fl-istudju.

Suppożizzjoni ewlenija fir-riċerka kwalitattiva hija li r-realtà hija kumplessa u tvarja skont il-perċezzjonijiet tal-individwi, li jistgħu jinbidlu wkoll maż-żmien. Fit-tradizzjoni kwalitattiva, ir-riċerkaturi jistudjaw it-tifsiriet li n-nies jagħtu lill-fenomeni u jsostnu li nies differenti jattribwixxu tifsiriet differenti lill-istess avveniment. Huma jirreġistraw il-mod kif in-nies—individwi jew sottogruppi—isejsu r-realtà, u jippruvaw jagħmlu sens minn dawn il-kostruzzonijiet u l-perċezzjonijiet differenti sabiex jiksbu għarfien dettaljat dwar dawn ir-realtajiet differenti u jidentifikaw xejriet u temi rikorrenti fid-data. L-istudji kwalitattivi jagħtu leħen lill-parteċipanti u jħaddnu l-perspettivi varjati u l-esperjenzi suġġettivi tagħhom dwar il-kwistjoni li tkun qed tiġi riċerkata (eż. tal-maniġer tal-proġett, tat-tradutturi u tal-klijent involuti fl-istess proġett).

L-investigazzjoni kwalitattiva hija, fil-fatt, ibbażata fuq il-fehmiet u l-esperjenzi personali tal-parteċipanti. Minħabba f'hekk, ir-riċerkaturi spiss ikollhom jempatizzaw u jużaw l-immaġinazzjoni. Filwaqt li r-riċerka kwantitattiva tistinka biex teskludi l-impatt tal-parteċipanti u tar-riċerkaturi fuq l-istudju, ir-riċerka kwalitattiva tirrikonoxxi u tikkunsidra l-influwenza tagħhom. L-influwenzi kulturali, soċjali, eċċ, tant huma parti integrali minnha li huwa prattikament impossibbli li teliminahom kompletament mill-proċess ta' riċerka. Fid-dawl ta' dan, fil-paradimma kwalitattiva, l-opinjonijiet suġġettivi kemm tar-riċerkaturi kif ukoll tal-parteċipanti jitħaddnu mill-istudju u jsiru parti integrali minnu.

Għalhekk, ir-riċerkaturi kwalitattivi mhux biss jiġbru data suġġettiva bbażata fuq l-opinjonijiet u l-esperjenzi personali tal-parteċipanti, iżda jirrikonoxxu wkoll is-suġġettività tagħhom stess marbuta mat-twemmin u l-preġudizzji personali li jkollhom, u li jiddikjaraw fl-istudji tagħhom. It-terminu użat meta r-riċerkaturi jesponu l-pożizzjoni u l-opinjoni tagħhom fir-rigward tal-kuntest u l-ambjent tar-riċerka tagħhom huwa *pożizzjonalità*. Bħala parti mill-osservazzjonijiet tagħhom, ir-riċerkaturi kwalitattivi jiktbu r-riflessjonijiet, ir-reazzjonijiet u s-sentimenti tagħhom fi djarji ta' riċerka. Dawn id-djarji ta' riċerka jitqiesu bħala data fihom infushom u jsiru parti integrali mill-interpretazzjoni (Flick 2018: 8).

Ir-riflessività tar-riċerkatur hija tant kruċjali fir-riċerka kwalitattiva li Creswell & Poth (2018: 50) jagħtu parir lir-riċerkaturi biex jibdew l-istudju tagħhom b'riflessjoni dwar kif l-istorja personali, il-perspettiva politika u etika tagħhom u l-mod kif jaraw lilhom infushom u lil oħrajn jaffettwaw l-investigazzjoni. Kif jgħidu tant tajjeb:

> *Researchers are respectful co-constructors of knowledge. Ethical practices of the researchers recognize the importance of the subjectivity of their own lens, acknowledge the powerful position they have in the research, and admit that the participants or the co-construction of the account between the researchers and the participants are the true owners of the information collected.* (Creswell & Poth 2018: 72)

Is-suġġettività tar-riċerkat u tar-riċerkatur hija karatteristika tar-riċerka kwalitattiva iżda minħabba din il-karatteristika, xi kultant titqies ta' kwalità inferjuri minn dik kwantitattiva. Madankollu "l-influwenza personali fir-riċerka mhijiex dejjem negattiva u mhux bilfors tikkomprometti l-kwalità tar-riċerka"

(Hubscher-Davidson 2022: 3). Li tintegra s-suġġettività ma jfissirx awtomatikament li r-riċerka mhijiex ta' kwalità għolja. L-elementi essenzjali huma d-dixxiplina, is-sistematiċità u r-rigorożità tal-proċess ta' riċerka, u fl-ST insibu bosta eżempji ta' riċerka kwalitattiva ta' kwalità għolja (ara, pereżempju, ix-xogħol ta' Napier, u ta' Risku u l-kollegi tagħha).

Investigazzjonijiet kwalitattivi japplikaw raġunar induttiv. Minflok jibdew b'teorija jew b'ipoteżi, ir-riċerkaturi kwalitattivi jibdew minn tema ġenerali u minn mistoqsija ta' riċerka. Huma jimxu f'direzzjoni minn isfel għal fuq—mid-data għat-teorija—biex jesploraw fenomenu wieħed fid-dettall. L-għan tagħhom "huwa li jiskopru u jesploraw il-ġdid" (Flick 2018: 7), bl-analiżi ta' data empirika li twassal għall-iżvilupp ta' teoriji. It-teoriji għalhekk joħorġu mid-data u jiġu bbażati fuqha. Il-mistoqsijiet ta' riċerka jiggwidaw l-istudju iżda dawn jistgħu jiġu modifikati matulu.

Għall-kuntrarju tar-riċerka kwantitattiva, fejn il-ġeneralizzazzjonijiet tal-kawża u l-effett spiss ikunu bażi importanti, ir-riċerka kwalitattiva ma toffrix konklużjonijiet ġenerali jew universali u ma twassalx għal ġeneralizzazzjonijiet. Minflok hija tagħmel dikjarazzjonijiet speċifiċi dwar il-każ speċifiku li jkun qed jiġi studjat, sabiex tiġġenera fehim aktar profond, għarfien ġdid, teoriji u ipoteżijiet għal aktar studji. Madankollu, fir-riċerka kwalitattiva hemm rwol ukoll għall-qafas teoretiku: pereżempju, jispira mistoqsijiet ta' riċerka u jintuża biex jispjega s-sejbiet li joħorġu mid-data. Għalhekk, nistgħu nargumentaw li ebda riċerka ma hija purament induttiva u lanqas ma tibda kompletament minn *tabula rasa*.

lura għal fuq

## Meta għandek tuża r-riċerka kwalitattiva?

Il-motivazzjoni ewlenija għaliex għandek tagħżel disinn kwalitattiv għall-istudju tiegħek għandha tkun għax dan huwa l-aktar wieħed addattat għall-għanijiet u l-mistoqsijiet tar-riċerka. Fi kliem ieħor, approċċ kwalitattiv għandu jintgħażel biss għaliex huwa l-aħjar wieħed għal studju partikolari (Flick 2018: 4). Id-disinn u l-metodi tar-riċerka jeħtieġ li jaqblu kemm mal-mistoqsija tar-riċerka kif ukoll mal-kwistjonijiet u l-parteċipanti li jkunu qed jiġu studjati. Dan huwa kriterju kruċjali fir-riċerka kwalitattiva li importanti jiġi enfasizzat sew.

Il-metodi kwalitattivi huma addattati l-aktar biex jindirizzaw mistoqsijiet li jibdew b'*għaliex*; pereżempju, biex tiġi spjegata mġiba speċifika u għaliex isseħħ (eż., għaliex traduttur jew grupp ta' tradutturi jaġixxu b'ċertu mod). Id-disinji ta' riċerka kwalitattivi spiss jintużaw biex jiġu mistħarrġa sitwazzjonijiet dettaljati, kumplessi u uniċi mill-perspettiva tal-parteċipanti (eż., mil-lenti tal-pubblikatur, it-traduttur, ir-reviżur u l-qarrej). Jintużaw ukoll meta l-mistoqsijiet tar-riċerka jiffukaw fuq esperjenzi jew tifsiriet, u meta jiġu esplorati mġibiet, proċessi, xejriet, temi, fenomeni ġodda, eċċ.

lura għal fuq

## Approċċi fir-riċerka kwalitattiva

> *[N]arrative originates from the humanities and social sciences, phenomenology from psychology and philosophy, grounded theory from sociology, ethnography from anthropology and sociology, and case studies from the human and social sciences and applied areas such as evaluation research.*

**(Creswell & Poth 2018: 38)**

It-terminu *approċċ* jirreferi għal strateġiji adottati fil-proċess ta' riċerka. Ir-riċerka kwalitattiva tinkludi ħafna approċċi, b'varjetà ta' kunċetti metodoloġiċi u teoretiċi. L-għażla fejn jidħlu approċċi kwalitattivi tant hija vasta li faċli wieħed jitfixkel (Creswell & Poth 2018: 37; ara, pereżempju, il-lista twila ta' approċċi u metodoloġiji kwalitattivi msemmija f'Given 2008: xiii-xiv). Fost it-tipi ewlenin ta' approċċi użati f'ambjenti naturalistiċi nsibu r-riċerka narrattiva, fenomenoloġika, etnografika, it-teorija ankrata (grounded theory), u l-istudju tal-każ. Id-differenza bejn dawn l-approċċi mhux dejjem ċara, kif se naraw dalwaqt. Dawn il-ħames approċċi jużaw metodi simili ta' ġbir ta' data, jiġifieri intervisti, osservazzjoni u analiżi ta' dokumenti.




*Ħames tipi ta' approċċi ta' riċerka kwalitattiva naturalistika*

L-għażla ta' approċċ partikolari tiddependi fuq l-iskop u l-fokus tal-istudju. Pereżempju, jekk l-għan huwa li tiġi żviluppata teorija bbażata fuq data miġbura fuq il-post (*field data*), allura t-teorija ankrata tkun għażla tajba. Jekk l-enfażi tkun fuq il-kuntest u l-kultura, approċċ etnografiku jista' jkun l-aħjar għażla. Mellinger & Hanson (2022: 315) jgħaqqdu r-riċerka narrattiva mal-fenomenoloġija, u r-riċerka etnografika mal-istudju ta' każijiet, minħabba s-similaritajiet ta' bejniethom. L-ewwel par jiffoka fuq stejjer, esperjenzi u avvenimenti personali, filwaqt li t-tieni jiffoka fuq deskrizzjonijiet dettaljati ta' mġibiet, twemmin u lingwaġġ.

Bosta dixxiplini kkontribwixxew għat-tiswir tar-riċerka kwalitattiva. Ġeneralment, ir-riċerka kwalitattiva tiġi assoċjata max-xjenzi rotob (*soft sciences*) u dik kwantitattiva max-xjenzi iebsa (*hard sciences*), iżda llum il-ġurnata x-xjenzati qegħdin dejjem aktar jivvalorizzaw u jinkoraġġixxu r-riċerka kwalitattiva. Pereżempju, Busetto, Wick & Gumbinger (2020) jippromwovu l-applikazzjoni ta' disinji kwalitattivi fix-xjenzi tas-saħħa sabiex jixħtu dawl fuq aspetti misturin fir-riċerka u l-prattika tan-newroloġija. Minħabba n-natura interdixxiplinari tagħhom, l-ST iħaddnu l-ħames approċċi msemmija hawn fuq, għalkemm f'livelli differenti. L-approċċi narrattivi jintużaw ħafna fl-ST (Zanettin & Rundle 2022b: 6), u din hija xi ħaġa naturali peress li d-dixxiplina għandha komponent umanistiku sinifikanti u l-approċċ narrattiv tnissel mill-istudji umanistiċi.

L-investigazzjoni narrattiva tiffoka fuq l-esperjenzi tal-individwi "kif espressi fl-istejjer li jgħixu u jirrakkontaw" (Pinnegar & Daynes 2007: 4). L-approċċ narrattiv jagħti attenzjoni partikolari lill-kuntest li fih isseħħ in-narrattiva. Minħabba li n-narrazzjoni hija att soċjali li jinvolvi narratur u narratarju, l-approċċi narrattivi huma partikolarment adatti għal investigazzjoni ta' fenomeni soċjali fit-traduzzjoni, li jqisu l-impatt tal-aġenzija tal-bniedem u tal-fatturi kuntestwali (Summers 2022: 254).

Ir-riċerka fenomenoloġika tesplora wkoll l-esperjenzi mgħejxa iżda minflok tiffoka fuq l-individwi u l-istejjer tagħhom, din tidentifika temi komuni ta' fenomenu esperjenzat minn individwi differenti (Creswell & Poth 2018: 121). Fi kliem ieħor, il-fenomenologi jistudjaw it-tifsiriet distintivi ta' esperjenza umana jew ta' fenomenu (Adams & van Manen 2008: 614) billi janalizzaw l-esperjenzi u l-fehmiet personali tal-parteċipanti. Pereżempju, x'inhuma l-aspetti komuni esperjenzati min-nies meta jmutilhom xi għażiż? Jew eżempju eqreb tat-traduzzjoni: it-tradutturi kif jesperjenzaw l-iskadenzi? Il-fenomenoloġija għalhekk tiddeskrivi l-elementi essenzjali ta' fenomenu—kemm jekk hu esperjenza, avveniment jew attività—abbażi tal-esperjenza personali ta' individwi differenti. F'dawn

l-aħħar tletin sena, dan l-approċċ intuża b'mod estensiv f'ħafna dixxiplini applikati u professjonali iżda mhux daqstant fl-ST, fejn s'issa l-fenomenoloġija ntużat b'mod pjuttost sporadiku (għal eżempju, ara Piecychna 2020). Fil-fatt, il-fenomenoloġija rarament tissemma fil-kotba ewlenin tal-ST li jiffukaw fuq il-metodoloġiji tar-riċerka (eż. Saldanha & O'Brien 2014; Zanettin & Rundle 2022a).

L-approċċ etnografiku huwa pjuttost ġdid fid-dixxiplina tagħna iżda dan qed isir dejjem aktar popolari. L-etnografija tinvolvi r-riċerka fuq il-post—f'dan il-każ fuq ix-xogħol—permezz tal-parteċipazzjoni, l-osservazzjoni u l-kitba (Flick 2018: 599) sabiex jinkisbu informazzjoni minn ġewwa u għarfien dettaljat dwar l-azzjonijiet, il-valuri, l-għanijiet, il-proċessi, l-interazzjonijiet u l-kultura tal-parteċipanti. L-etnografi jqattgħu medda ta' żmien fil-post tar-riċerka sabiex jiksbu esperjenza diretta fil-kwistjonijiet u l-kuntesti li jkunu qed jistudjaw billi jisimgħu, josservaw, jitkellmu, jistaqsu, u billi jiġbru dokumentazzjoni u artefatti (Hammersley & Atkinson 2019: 3). Huma jesperjenzaw b'mod dirett l-ambjent tal-parteċipanti u jinvestigaw fil-fond każ wieħed jew numru żgħir ħafna ta' każijiet. Il-każ jew każijiet jistgħu jinvolvu ngħidu aħna grupp kulturali sħiħ jew sottogrupp, jew anki individwu wieħed, kif ukoll l-awtosservazzjoni fil-każ ta' studji awtoetnografiċi. Għal eżempji ta' studji li jieħdu approċċ etnografiku fl-ST, ara Hokkanen (2016), Milošević & Risku (2021), Sannholm (2021) u Borg (2024).



Il-metodu etnografiku

Meta mqabbla mal-etnografija, ir-riċerka li tinvolvi studju tal-każ jew każijiet għandha t-tendenza li tinvestiga aktar mill-perspettiva esterna. Studji tal-każ jiffukaw fuq unità sħiħa ta' investigazzjoni—jiġifieri każ wieħed jew diversi—li tiġi eżaminata fil-fond u fl-ambjent naturali tagħha bl-għan li jinkiseb fehim bir-reqqa u tingħata deskrizzjoni densa (*thick description*) (jew rikka, kif l-istudjużi tal-ST jippreferu jsejħulha) tal-każ kuntestwalizzat. L-approċċ tal-istudju tal-każ hu partikolarment addattat għal studji li jinvestigaw fenomeni kontemporanji li jseħħu b'mod naturali u li jistaqsu *għaliex* u *kif* (Yin 2003: 1). Dan l-approċċ huwa prevalenti fl-ST, speċjalment studji ta' każ wieħed. Huwa wieħed mill-approċċi kwalitattivi l-aktar prominenti, għalkemm fid-dixxiplina tagħna studju ta' każ jidher li huwa assoċjat aktar ma' 'singolarità' milli ma' approċċ metodoloġiku; fi kliem ieħor, studju li jiffoka fuq aspett wieħed—ngħidu aħna traduttur wieħed jew test fil-mira wieħed—aktar milli mal-metodoloġija speċifika li jinvolvi dan l-approċċ (Susam-Sarajeva 2009: 38). Madankollu, mindu Susam-Sarajeva enfasizzat din il-kwistjoni, ir-riċerkaturi tal-ST bdew jagħtu aktar attenzjoni lir-rekwiżiti partikolari ta' dan il-metodu bħall-kuntestwalizzazzjoni, li l-każ jiġi studjat fl-ambjent naturali tiegħu u li jkun analizzat fil-fond (ara, pereżempju, Borg 2022).

It-teorija ankrata hija metodoloġija kwalitattiva li l-għan ewlieni tagħha huwa li tibni teorija abbażi ta' data empirika miksuba permezz ta' metodi bħall-osservazzjoni, l-intervisti, u l-analiżi ta' dokumenti. Il-ġbir u l-analiżi tad-data jsiru fl-istess ħin, u jinfurmaw lil xulxin b'mod reċiproku fi proċess iterattiv li jevolvi. Imnebbħa minn metodi komparattivi, it-teorija ankrata tipprovdi sett ta' linji-gwida għall-ġbir u l-analiżi b'mod sistematiku ta' materjali maħsuba biex jiżviluppaw, jivverifikaw u jtejbu analiżi inizjali, li jinkludu kowding, kitba ta' memos u loġika abduttiva (Charmaz, Thornberg & Keane 2018: 705-707). It-teorija ankrata tista' tistudja azzjoni, proċess, post (*field*), jew avveniment bl-iskop li toħloq teoriji. Elementi mit-teorija ankrata ġew applikati f'diversi proġetti tal-ST iżda sa issa kienu ftit l-istudji

li ħadu approċċ ibbażat purament fuq it-teorija ankrata u li applikaw il-proċeduri metodiċi u rigorużi speċifiċi kollha tagħha (Mouratidou, Crowder & Scott 2020: 37).

Ir-riċerkaturi tal-ST spiss jikkombinaw l-approċċi. Din l-istrateġija hija pjuttost popolari ma' riċerkaturi kwalitattivi fid-dixxiplina tagħna li, minflok jagħżlu approċċ wieħed u japplikawh fl-intier tiegħu għandhom tendenza jispiraw ruħhom minn diversi approċċi u jfasslu l-metodoloġija skont il-ħtiġijiet u l-għanijiet partikolari tal-proġett tagħhom. Pereżempju, Risku, Milošević & Rogl (2017) fl-istudju tagħhom li jinvolvi numru żgħir ta' każijiet jieħdu approċċ etnografiku. Bl-istess mod, Borg (2022) tapplika approċċ etnografiku fl-istudju tal-każ fil-fond tagħha.

lura għal fuq

## Proċeduri ta' riċerka

> *Research procedures are sensitive to participants and context. The procedures of research, such as data collection, data analysis, representing the material to audiences, and standards of evaluation and ethics, emphasize an interpretive stance. During data collection, the researcher does not further marginalize the participants but respects the participants and the sites for research.*
>
> **(Creswell & Poth 2018: 72)**

It-tekniki kwalitattivi jipprovdu data li tippermetti fehim aktar profond tal-fenomeni; din id-data hija rikka u toffri għarfien dwar ix-xejriet u r-raġunijiet li jsejsuhom. Ir-riċerka kwalitattiva tippermetti l-esplorazzjoni ta' fenomeni kumplessi li huma wisq komplikati għal ipoteżi li twieġeb mistoqsija b'*iva jew le*.

### Ġbir ta' data



Gwida għall-intervisti kwalitattivi

Ir-rispett lejn in-nies u s-siti involuti fl-istudju jimplika ċerta flessibbiltà min-naħa tar-riċerkatur, ukoll minħabba li l-ġbir tad-data ħafna drabi jseħħ fil-kuntest naturali (u mhux ikkontrollat) tal-parteċipanti, normalment fid-djar jew fl-uffiċċji tagħhom, għalkemm illum il-ġurnata l-internet qed jintuża dejjem aktar, bir-riċerkaturi jiġbru d-data virtwalment minflok fiżikament. Minħabba l-kumplessità u d-diversità ta' sitwazzjonijiet reali u tal-ħajja ta' kuljum, ir-riċerkaturi jridu jżommu element ta' flessibbiltà meta jiġbru d-data fil-post naturali tagħha.

Madankollu, il-flessibbiltà għandha timxi id f'id mar-rigorożità u s-sistematiċità. Il-flessibbiltà timplika kompromess—mhux attitudni ta' kif ġie ġie—u moħħ miftuħ għall-opportunitajiet u l-isfidi li jinqalgħu matul il-proġett. Il-metodi kwalitattivi tal-ġbir ta' data huma wkoll aktar miftuħa fir-rigward tal-parteċipanti; pereżempju, intervisti semistrutturati huma aktar flessibbli minn kwestjonarji. Filwaqt li fil-qasam tat-traduzzjoni riċerkaturi kwantitattivi jistgħu jiddependu fuq strumenti bħal keyloggers u

eyetrackers, f'investigazzjonijiet kwalitattivi r-riċerkatur huwa l-istrument ewlieni tal-ġbir tad-data.

Ir-riċerkaturi kwalitattivi jistgħu jadottaw pożizzjoni ta' ġbir ta' data minn ġewwa (interna; *insider stance*) jew minn barra (esterna; *outsider stance*). Jekk jieħdu pożizzjoni interna, id-data tinġabar mill-perspettiva tal-parteċipanti; filwaqt li jekk jadottaw pożizzjoni esterna, id-data tinġabar mill-perspettiva tar-riċerkatur innifsu, jiġifieri mill-osservazzjonijiet tiegħu. F'investigazzjoni kwalitattiva, il-ġbir ta' data huwa kkaratterizzat minn involviment fit-tul fil-post tar-riċerka; ġeneralment id-data ma tinġabarx f'darba—bħal pereżempju fil-każ ta' riċerka permezz ta' kwestjonarji fejn id-data tinġabar darba matul perjodu ta' żmien ristrett —iżda sseħħ fuq perjodu estiż ta' żmien. Il-proċess tal-ġbir ta' data jibqa' għaddej jew sakemm jitlestew il-proċess jew l-attività osservati jew sakemm tieqaf toħroġ informazzjoni ġdida u r-riċerkatur jibda josserva l-istess informazzjoni ripetuta. Skont l-approċċ magħżul, il-ġbir tad-data jista' jkun ukoll iterattiv, jalterna mal-analiżi tad-data jew iseħħ fl-istess waqt magħha.

**Metodi ta' ġbir ta' data**

Filwaqt li xi dixxiplini jiġu assoċjati ma' metodu ewlieni wieħed, bħall-esperimenti fil-psikoloġija u l-osservazzjoni parteċipanti fl-antropoloġija, fl-ST, minħabba n-natura interdixxiplinari u varjata tad-dixxiplina, hemm firxa wiesgħa ta' metodi użati biex tinġabar data kwalitattiva u ma hemm ebda metodu ewlieni wieħed. Metodu komuni għall-ġbir ta' data fid-dixxiplina tagħna huwa l-*intervisti*. L-intervisti, imwettqa fiżikament jew virtwalment, jistgħu jvarjaw fil-livell tal-istruttura u l-grad ta' flessibbiltà. L-aktar intervisti standard u inflessibbli huma dawk *strutturati*, fejn il-mistoqsijiet—inklużi l-kliem użat u l-ordni tal-mistoqsijiet—jiġu ddeterminati minn qabel u jkunu l-istess għall-parteċipanti kollha.

Aktar popolari mar-riċerkaturi kwalitattivi huma l-intervisti *semistrutturati*, li jippermettu aktar flessibbiltà fl-ordni ta' preżentazzjoni u l-formulazzjoni tal-mistoqsijiet. Għalkemm ir-riċerkatur jipprepara sett ta' mistoqsijiet għall-intervista, dawn jiġu segwiti b'mod aktar laxk, u jservu aktar bħala gwida milli lista riġida, u l-mistoqsijiet jistgħu jiżdiedu jew jinqabżu skont il-mod kif tiżvolġi l-intervista. Qrib ta' konverżazzjoni naturali, twila u mexxejja dwar suġġett speċifiku, intervisti *mhux strutturati* huma flessibbli ħafna, u jippermettu li l-mistoqsijiet joħorġu b'mod naturali matul l-intervista u li jvarjaw minn parteċipant għal ieħor.

Simili għal intervista fi grupp, il-grupp fokali huwa metodu ta' ġbir ta' data kwalitattiva bbażat fuq interazzjoni fi grupp. Il-moderatur, normalment ir-riċerkatur, jiffaċilita jew imexxi d-diskussjoni dwar suġġett speċifiku bejn grupp żgħir ta' nies magħżula skont kriterji predefiniti li jinteraġixxu billi jistaqsu mistoqsijiet lil xulxin, jiddiskutu ideat, opinjonijiet, eċċ.



It-traduttur Toni Aquilina qed jiġi osservat u jaħseb jgħajjat waqt li qed jirrevedi traduzzjoni letterarja (għad-dettalji ara Borg 2022).

Mod ieħor ta' ġbir ta' data kwalitattiva huwa permezz tal-*osservazzjoni*. F'dan il-metodu, ir-riċerkaturi ma joqogħdux (biss) fuq dak li jgħidulhom il-parteċipanti fl-intervisti. Josservaw ukoll lil parteċipanti fis-sitwazzjonijiet naturali tagħhom u jirreġistraw l-osservazzjonijiet, id-deskrizzjonijiet, il-ħsibijiet, ir-reazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom f'noti meħuda fuq il-post (*fieldnotes*). Permezz ta' osservazzjoni fuq il-post (*field observation*), ir-riċerkaturi jiksbu esperjenza diretta tal-ambjent, l-attività, il-proċess, l-imġiba jew l-avveniment li jkunu qed jiġu studjati.

Hemm diversi tipi ta' osservazzjoni. L-ewwel distinzjoni tiddependi fuq ir-rwol li r-riċerkatur jassumi fil-post li jkun qed josserva. Ir-rwol tar-riċerkatur jista' jvarja minn strettament osservatur għal parteċipant sħiħ, imsejħa rispettivament osservazzjoni *mhux-parteċipanti* u *osservazzjoni parteċipanti*. F'osservazzjoni mhux-parteċipanti, ir-riċerkatur josserva mill-bogħod, filwaqt li f'osservazzjoni parteċipanti r-riċerkatur jipparteċipa f'dak li jkun qed jiġri u jista' saħansitra jsir membru attiv tal-komunità, l-grupp jew l-attività studjati. Distinzjoni frekwenti oħra hija bejn osservazzjoni *aperta* u *moħbija*. *Osservazzjoni aperta* tirreferi għal meta l-parteċipanti jkunu konxji li qed jiġu osservati u li taw il-kunsens tagħhom, filwaqt li *osservazzjoni moħbija* sseħħ mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-parteċipanti u għalhekk din tal-aħħar tqajjem ħafna kwistjonijiet etiċi.

Id-*djarji* huma metodu ieħor ta' ġbir ta' data minn osservazzjoni. Hawnhekk, il-parteċipanti jżommu djarju li fih jiddokumentaw l-attivitajiet, l-esperjenzi, is-sentimenti, il-ħsibijiet, l-imġiba, il-proċessi tagħhom u l-bqija fuq perjodu ta' żmien. Dawn jistgħu jinkitbu waqt jew wara li titlesta azzjoni—pereżempju, waqt it-traduzzjoni ta' test, wara sessjoni ta' interpretar jew wara laqgħat ma' klijenti dwar xogħol ta' traduzzjoni—u normalment jinżammu għal ħin u frekwenza speċifiċi fuq talba tar-riċerkatur. Minbarra l-parteċipanti, id-djarji jistgħu jinżammu wkoll mir-riċerkaturi. Filwaqt li d-*djarji tal-parteċipanti* huma metodu ta' osservazzjoni fihom infushom, id-*djarji tar-riċerkaturi* huma parti integrali minn, u jirriżultaw minn, osservazzjoni fuq il-post tar-riċerka (Borg, Heine & Risku fil-proċess tal-pubblikazzjoni).Bħad-djarji, il-metodu *taħseb-tgħajjat* (*think-aloud*) huwa mod introspettiv ta' ġbir ta' data kwalitattiva. Sa ftit ta' snin ilu, dan il-metodu kien popolari ħafna fir-riċerka tal-proċess tat-traduzzjoni, iżda issa twarrab daqsxejn minħabba kritika dwar il-validità u l-affidabbiltà tiegħu kif ukoll għax huwa impenjattiv ħafna. Fit-taħseb-tgħajjat, magħruf ukoll bħala *verbalizzazzjoni konkorrenti*, il-parteċipanti jintalbu jivverbalizzaw ħsibijiethom waqt li jwettqu biċċa xogħol. Jekk il-kompitu jitwettaq f'pari jew fi gruppi, il-metodu ta' verbalizzazzjoni jissejjaħ *taħseb-tgħajjat fi djalogu (dialogue think-aloud)*. Forma oħra ta' rapportaġġ verbali hija r-*retrospezzjoni*; hawn il-parteċipanti jivverbalizzaw il-proċessi konjittivi tagħhom stess wara li jkunu wettqu l-kompitu. Il-verbalizzazzjoni retrospettiva għadha tintuża ħafna, b'mod partikolari fir-riċerka tal-interpretar fejn il-metodu taħseb-tgħajjat ovvjament ma jistax jintuża. Minkejja l-kritika, il-metodu *verbalizzazzjoni konkorrenti* għadu joffri diversi benefiċċji uniċi, kif juru studji riċenti bħal eż. Dorer (2020) u Borg (2022) u "jibqa' metodu b'saħħtu, peress li jista' jkun li m'hemmx mod aħjar kif tikseb informazzjoni dwar x'qed jiġri f'moħħ persuna milli tistaqsi lillha [stess] tgħidilna bil-kliem" (Jakobsen & Alves 2021: 4).

Fl-aħħar nett, fl-*istudju tad-dokumenti*, ir-riċerkaturi tal-ST jiġbru firxa wiesgħa ta' dokumenti awtentiċi bħal testi tradotti, abbozzi ta' traduzzjonijiet, testi sors, korrispondenza, dokumenti ta' politika u gwidi tal-istil, skont il-fokus tal-istudju tagħhom. Ir-riċerkaturi jisfruttaw ukoll il-komunikazzjoni diġitali bħall-emails u l-messaġġi mibgħuta permezz ta' applikazzjonijiet online (ovvjament, bil-permess tal-partijiet involuti) biex jiksbu għarfien dwar il-proċessi u l-prattiki tat-traduzzjoni.

Kull metodu għandu l-vantaġġi u l-limitazzjonijiet tiegħu. Pereżempju, id-djarji nstabu li huma aktar affidabbli fejn jidħlu żbalji ta' memorja iżda l-parteċipanti jistgħu jsofru minn għeja, bil-konsegwenza li r-rappurtar tagħhom isir inqas dettaljat maż-żmien (Verbrugge 1980: 81). L-osservazzjoni fuq il-post toffri data kuntestwalizzata iżda hemm il-possibbiltà li tkun affettwata l-oġġettività tal-osservatur (McKechnie 2008: 575). Biex itaffu n-nuqqasijiet ta' metodu speċifiku u jiksbu fehim aktar sħiħ tal-kwistjoni li qed tiġi studjata, ir-riċerkaturi tal-ST qed japplikaw dejjem aktar disinji ta' riċerka li jinvolvu diversi metodi u li permezz tagħhom tinġabar data minn żewġ metodi jew aktar dwar l-istess

avveniment. Din l-istrateġija tista' tiġi applikata għall-metodi, id-data u t-teoriji sabiex jiġi studjat fenomenu minn perspettivi differenti li mbagħad jitqabblu u jiġu kkuntrastati. L-azzjoni li tqabbel u tikkuntrasta data ta' tipi u natura differenti tissejjaħ b'termini differenti f'oqsma ta' riċerka differenti. *It-triangolazzjoni* huwa wieħed mit-termini użati għal din l-istrateġija u filwaqt li l-prattika hija mħaddna b'mod wiesa' u rakkomandata ħafna, ma jistax jingħad l-istess għat-terminu.

## Preparazzjoni u analiżi tad-data

It-tħejjija u t-tindif tad-data huma pass kruċjali bejn il-ġbir tad-data u l-analiżi tagħha, peress li jistabbilixxu l-pedamenti għal interpretazzjoni metikoluża u robusta. Dan jinvolvi azzjonijiet bħall-ittajpjar u l-elaborazzjoni tan-noti meħuda fuq il-post, it-traskrizzjoni ta' intervisti, osservazzjonijiet jew verbalizzazzjonijiet irrekordjati, l-editjar ta' recordings, l-anonimizzar tad-data u li tittieħed kopja ta' riżerva tad-data miġbura. Huwa rrakkomandat li t-tħejjija tad-data ssir qrib kemm jista' jkun tar-riċerka fuq il-post, jiġifieri, tal-ġbir tad-data. Fil-fatt, fir-riċerka kwalitattiva, il-ġbir u l-analiżi tad-data mhumiex neċessarjament żewġ proċessi separati; ħafna drabi dawn jew jalternaw jew iseħħu fl-istess waqt, b'mod partikolari f'approċċi ankrati u etnografiċi.




L-ikkowdjar tan-noti tar-riċerkatur permezz ta' Taguette, software b'xejn u b'sors miftuħ għar-riċerka kwalitattiva (Screenshot mid-data tal-awtriċi)

Id-data ppreparata (eż. noti ittajpjati u elaborati, intervisti traskritti, protokolli ta' taħseb-tgħajjat) tiġi kkowdjata jew manwalment jew bl-użu ta' software għall-ġestjoni ta' data kwalitattiva sabiex ikunu identifikati xejriet jew temi. Proċess prinċipali ta' analiżi ta' data fir-riċerka kwalitattiva huwa l-*ikkowdjar*, definit bħala l-identifikazzjoni ta' kunċetti, ideat, imġiba, karatteristiċi, temi, xejriet, eċċ, u l-immarkar tagħhom b'kowds. Il-kowds jgħinu lir-riċerkaturi jorganizzaw, jagħmlu sens u jinterpretaw id-data. Kunċetti rikorrenti fid-data jiġu mmarkati bl-istess kowds. L-ikkowdjar jista' jkun kemm induttiv kif ukoll deduttiv, għalkemm fir-riċerka kwalitattiva ħafna drabi jkun induttiv, bil-kowds joħorġu mid-data. Fir-rigward tal-etnografija—għalkemm applikabbli għar-riċerka kwalitattiva b'mod ġenerali—Hammersley & Atkinson (2019: 3) jiktbu:

> **The analysis of data involves interpretation of the meanings, sources, functions, and consequences of human actions and institutional practices, and how these are implicated in local, and perhaps also wider, contexts. What are produced, for the most part, are verbal descriptions, explanations, and theories; quantification and statistical analysis play a subordinate role at most.**

Dan l-aspett ta' interpretazzjoni huwa parti integrali minn kull tip ta' riċerka. Madankollu, huwa l-aktar assoċjat mar-riċerka kwalitattiva, tant li l-aġġettiv *interpretattiv* spiss jintuża biex jiddeskrivi l-

investigazzjoni kwalitattiva. Mhux biss hija rikonoxxuta l-interpretazzjoni tar-riċerkatur (ta' tifsiriet, imġiba, prattiki, eċċ.) iżda r-riċerka kwalitattiva tieħu konsiderazzjoni wkoll tal-osservaturi u r-riċerkaturi, fis-sens li ma tippruvax taħbihom iżda tirrikonoxxihom bħala element importanti fl-interpretazzjoni u fil-proċess kollu ta' riċerka. Karatteristika komuni tar-riċerka kwalitattiva huwa d-diskors dirett. Meta jippreżentaw is-sejbiet tagħhom, ir-riċerkaturi kwalitattivi għandhom tendenza jikkwotaw dak li qalu l-parteċipanti permezz tad-diskors dirett billi jaqbdu kliem reali mlissen mill-parteċipanti u jużawh bħala evidenza. Il-leħen tal-parteċipanti, ir-riflessività tar-riċerkatur, deskrizzjoni u interpretazzjoni dettaljati tal-fenomenu, kif ukoll il-kontribut tal-istudju jew sejħa għal azzjoni, kollha jkunu inklużi fir-rapport bil-miktub jew fil-preżentazzjoni finali (Creswell 2013: 44).

lura għal fuq

## Limitazzjonijiet u sfidi ewlenin

Fost il-limitazzjonijiet l-aktar imsemmija fir-rigward tar-riċerka kwalitattiva nsibu in-nuqqas ta' ġeneralizzazzjoni, is-suġġettività, u l-preġudizzju u l-effett tal-osservatur/intervistatur. L-influwenza inevitabbli tal-osservatur fuq l-imġiba tal-parteċipanti tissejjaħ *il-paradoss tal-osservatur* jew *l-effett tal-osservatur*, filwaqt li fl-intervisti nirreferu għaliha bit-terminu l-*effett tal-intervistatur*. Dan għandu jiġi rikonoxxut fl-istudji ta' riċerka u r-riċerkaturi għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex inaqqsu kemm jista' jkun l-influwenza tagħhom.

Il-*preġudizzju tal-osservatur* jirriżulta meta l-istudjużi jwettqu l-osservazzjoni tagħhom u jinterpretaw id-data mil-lenti ta' dak li diġà jafu (McKechnie 2008: 575); fl-intervisti, il-*preġudizzju tal-intervistatur* iseħħ pereżempju meta l-mistoqsijiet ikunu fformulati biex iqanqlu ċeru tweġibiet preġudikati. Għalhekk, ir-riċerkaturi għandhom joqogħdu attenti ħafna meta jifformulaw il-mistoqsijiet tal-intervisti. Peress li ħafna drabi l-għadd ta' parteċipanti f'investigazzjoni kwalitattiva ikun żgħir, ġeneralment ir-riżultati ma jistgħux jiġu ġeneralizzati. Minkejja dan, ir-riżultati jistgħu jwasslu għal ġeneralizzazzjonijiet tentattivi, normalment fil-forma ta' ipoteżijiet li mbagħad għandhom jiġu ttestjati aktar. Madankollu hemm diversi vantaġġi li jpattu għas-suġġettività u n-nuqqas ta' ġeneralizzazzjoni, fosthom ir-rikkezza tad-data. Ir-riċerka kwalitattiva tipprovdi deskrizzjonijiet densi li joffru għarfien aktar profond u fehim aktar sħiħ tal-fenomeni, li abbażi tagħhom jiġu ġġenerati ipoteżijiet imsejsa fid-data.

Żvantaġġ ieħor tar-riċerka kwalitattiva huwa li tirrikjedi ħafna żmien u riżorsi. Il-proċessi tal-ġbir u l-analiżi tad-data kwalitattiva spiss ikunu impenjattivi u twal, iżda l-investigazzjoni kwalitattiva hija aktar fattibbli meta l-baġit tar-riċerka jkun limitat u jekk numru żgħir biss ta' parteċipanti ikunu disponibbli peress li l-għodod għall-ġbir tad-data (eż. djarji, reġistraturi tal-awdjo) normalment ma jkunux għaljin u mhux meħtieġa kampjuni kbar.

Fost l-isfidi ewlenin insibu l-innegozjar u l-ksib tal-aċċess għall-post tar-riċerka u għall-parteċipanti tar-riċerka, li ta' spiss jissemmew bħala diffikultajiet esperjenzati mir-riċerkaturi kwalitattivi. Il-*gwardjani* (diretturi, meniġers, eċċ.) għandhom rwol kruċjali fl-għoti tal-aċċess għaliex il-pożizzjoni tagħhom tippermettilhom li jiffaċilitawh jew ifixkluh iżda l-aċċess jiddependi wkoll mill-kollaborazzjoni ta' parteċipanti individwali li jridu jagħtu l-kunsens tagħhom huma wkoll għall-parteċipazzjoni fir-riċerka. Għalhekk, l-aċċess huwa kwistjoni

kkumplikata minħabba li spiss ikollu jingħata kemm mill-gwardjani kif ukoll mill-parteċipanti, u wieħed ma jorbotx lill-ieħor. Pereżempju, jekk direttur ta' unità ta' traduzzjoni f'organizzazzjoni jagħti permess lil riċerkatur tal-ST biex iwettaq studju fuq il-post, ir-riċerkatur imbagħad ikun jeħtieġ ukoll il-kunsens tat-tradutturi, ir-reviżuri, u l-parteċipanti oħra, li jistgħu ma jikkollaborawx b'mod sħiħ jew saħansitra ma jikkollaboraw xejn.

Minkejja dan, diversi riċerkaturi tal-ST jirrappurtaw li fl-istudji tagħhom il-ksib tal-aċċess ma kienx problematiku wisq u xi drabi saħansitra kien faċli (ara, pereżempju, Koskinen 2008: 4; Sannholm 2021: 48; Borg 2022: 47). Fost ir-raġunijiet imsemmija li ffaċilitaw l-aċċess, insibu l-familjarità tar-riċerkaturi mas-sit tar-riċerka u/jew mal-parteċipanti, l-esperjenza tar-riċerkaturi bħala prattikanti u rwoli preċedenti li kellhom, bħal ngħidu aħna kienu impjegati fl-istess post jew f'ambjent simili, u interess fil-proġett min-naħa tal-maniġment u l-impjegati. Fattur importanti ieħor huwa li tinħoloq fiduċja fuq is-sit tar-riċerka. Il-fiduċja mhux biss tissimplifika l-aċċess iżda hija essenzjali wkoll biex il-parteċipanti jidħlu għall-proġett u jibqgħu fih sal-aħħar.

Iura għal fuq

## Kriterji ta' kwalità

> *[Q]ualitative research's central criteria depend on whether findings are grounded in empirical material or whether the methods are appropriately selected and applied, as well as the relevance of findings and the reflexivity of proceedings.*

**(Flick 2018: 7)**

Jistgħu jiġu applikati diversi miżuri biex tissaħħaħ il-kwalità ta' studju kwalitattiv u jitnaqqsu l-limitazzjonijiet tiegħu, bħall-involviment fit-tul fis-sit tar-riċerka, il-validità ekoloġika, it-triangolazzjoni ta' data u metodi, id-deskrizzjoni densa, il-verifika tal-membri, id-debriefing bejn il-kollegi, ir-riflessività attiva min-naħa tar-riċerkatur, il-koikkowdjar, il-parteċipazzjoni volontarja u l-anonimità tal-parteċipanti (ara, pereżempju, Li 2004 li jiddiskuti salvagwardji fir-rigward tal-metodu taħseb-tgħajjet fl-ST). Xi wħud mill-kriterji, pereżempju l-verifika tal-membri, xi kultant jitqiesu bħala l-aqwa standards għar-riċerka kwalitattiva iżda qed jitqajmu mistoqsijiet u oppożizzjoni kontra li aspett wieħed speċifiku ikun impost bħala kundizzjoni għal riċerka kwalitattiva rigoruża (eż. Motulsky 2021).

Naturalment, mhux il-kriterji kollha meħtieġa jkunu preżenti f'kull proġett kwalitattiv iżda r-riċerkaturi għandhom jagħżlu dawk il-kriterji li huma rilevanti għall-proġett speċifiku tagħhom u japplikawhom b'attenzjoni. Madankollu, prinċipji bħat-trasparenza, is-sistematiċità u t-tqabbil metikoluż tal-metodi mal-għanijiet tar-riċerka huma elementi ċentrali għal riċerka rigoruża. Id-disinji ta' riċerka trasparenti li jiddeskrivu b'mod ċar il-proċeduri applikati matul ir-reklutaġġ tal-parteċipanti, il-ġbir tad-data, il-proċessi ta' tħejjija u analiżi jtejbu l-kwalità tar-riċerka u jippermettu r-replikazzjoni tal-istudju u/jew it-trasferibbiltà tas-sejbiet. Id-dixxiplina u r-rigorożità tul l-istudju kollu, flimkien ma' deskrizzjonijiet bir-reqqa tal-proċeduri implimentati, akkumpanjati minn eżempji, iżidu l-kredibbiltà u l-veraċità tar-riċerka.

lura għal fuq

## Kwistjonijiet etiċi

Biex riċerka tkun etikament soda għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-kwistjonijiet etiċi matul l-istadju tad-disinn tar-riċerka kif ukoll matul il-proġett kollu. Għalkemm ir-rekwiżiti jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u istituzzjoni għal oħra, ir-riċerkaturi naturalistiċi normalment ikollhom ifittxu l-approvazzjoni għal proġetti ġodda minn kumitat tal-etika tar-riċerka li jirrevedi l-proġett u jagħti feedback dwar l-aspetti etiċi.

Prinċipju etiku ewlieni huwa *l-kunsens infurmat*, fejn ir-riċerkatur jipprovdi lill-parteċipanti prospettivi b'informazzjoni dwar il-proġett, jistedinhom jipparteċipaw fir-riċerka, u jikseb il-kunsens tagħhom. Hija r-responsabbiltà tar-riċerkatur li jivverifika li l-parteċipanti jkunu konxji ta' x'qed jaqblu li jagħmlu meta jagħtu l-kunsens. Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa lir-relazzjoni bejn ir-riċerkatur u l-parteċipant. F'każijiet ta' relazzjonijiet ta' poter, pereżempju, f'każ li l-parteċipanti jkunu subordinati tar-riċerkatur, bħal studenti jew impjegati tiegħu, dawn jistgħu jħossuhom skomdi ma jaċċettawx li jipparteċipaw jew jistgħu jibżgħu mir-riperkussjonijiet. Il-parteċipazzjoni volontarja u l-possibbiltà li jirtiraw mir-riċerka fi kwalunkwe ħin mingħajr konsegwenzi—prinċipju etiku bażiku ieħor—għandhom dejjem jiġu enfasizzati meta jintalab il-kunsens.

L-imġiba etika timplika li tistabbilixxi fiduċja, tevita kunfidenzi żejda u kunflitti ta' interess, u f'każ li dan tal-aħħar iseħħ, jiġi ddikjarat u kkontrollat. Li tqarraq bil-parteċipanti dwar is-suġġett jew l-għanijiet tar-riċerka mhix imġiba etika, u r-riċerkaturi għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jevitaw li jagħmlu ħsara lill-parteċipanti, pereżempju jtappnu r-reputazzjoni tat-tradutturi, l-interpreti jew il-fornituri tas-servizzi lingwistiċi parteċipanti. Marbut ma' dan hemm il-prinċipju tal-anonimità, li permezz tiegħu l-identità tal-parteċipanti tiġi salvagwardjata jew permezz tal-anonimizzazzjoni tad-data jew l-użu ta' psewdonimi. Madankollu, l-anonimità mhix dejjem mixtieqa u possibbli. Meta dan ikun il-każ, il-parteċipanti jridu jagħtu l-kunsens espliċitu li jissemmew u jkunu identifikati fl-istudji. Ta' min jgħid li l-inizjattivi riċenti sabiex tiżdied il-viżibbiltà tat-tradutturi wasslu biex xi parteċipanti jitolbu espliċitament li jiġu identifikati fir-riċerka.

Ir-riċerka mfassla b'mod etiku tikkunsidra kif id-data se tiġi mħaddma, sikurizzata, maħżuna, arkivjata u minn min se tiġi aċċessata. Konsiderazzjonijiet oħra jinkludu li r-riċerkaturi jkunu konxji tal-preġudizzju, l-ideoloġija u l-poter tagħhom, u minn hawn tiġi l-ħtieġa kontinwa għall-awto-riflessività. Li tittratta l-parteċipanti b'rispett huwa prinċipju gwida ieħor: tipproteġi l-kunfidenzjalità u l-privatezza tagħhom, tagħtihom xi ħaġa lura għall-kontribut tagħhom, jiġifieri r-reċiproċità, u ladarba l-istudju jitlesta tikkomunika mal-parteċipanti u l-gwardjani, u titlaq mis-sit tar-riċerka bl-aktar mod xieraq, huma kollha aspetti li għandhom jitqiesu bir-reqqa.

lura għal fuq

## Potenzjal ta’ riċerka

Bħala oġġett ta’ studju, it-traduzzjoni tista’ tiġi investigata b’modi differenti. Minħabba n-natura kumplessa u interdixxiplinari tagħha, ir-riċerkaturi tal-ST spiss jissellfu approċċi, metodi u teoriji minn dixxiplini oħra u jippersonalizzawhom biex ikunu aktar adatti għall-istudji tagħhom. L-ST ħafna drabi ssibhom fi ħdan l-istudji umanistiċi u x-xjenzi soċjali, fejn ir-riċerka kwalitattiva hija ċentrali; matul is-snin l-istudjużi tal-ST estendew ir-repertorji metodoloġiċi u teoretiċi tagħhom billi jispiraw ruħhom minn firxa wiesgħa ta’ dixxiplini.

Matul is-snin ukoll, ir-riċerka kwantitattiva saret aktar u aktar popolari fl-ST b’ċerti fergħat—l-Istudji Konjittivi tat-Traduzzjoni u l-Interpretar huma eżempju wieħed—jsiru primarjament kwantitattivi. Madankollu, dan l-aħħar it-tendenzi qed jerġgħu jinbidlu peress li qed jiżdiedu l-appelli biex ma jkunx hemm uniformità metodoloġika għax “id-diversità kemm fil-filosofija kif ukoll fil-metodoloġija tinkoraġġixxi l-esplorazzjoni ta’ fenomeni minn diversi perspettivi” (Mellinger & Hanson 2021: 121). Għadd ta’ akkademiċi tal-ST qed jenfasizzaw is-sinifikat u l-valur tal-investigazzjoni kwalitattiva għad-dixxiplina tagħna permezz ta’ argumenti favur, kif ukoll bi studji kwalitattivi robusti u interessanti (eż. Koskinen 2008; Risku, Milošević & Rogl 2017; Sannholm 2021; Borg 2022; Hubscher-Davidson 2022).

Fl-ST, ir-riċerkaturi kwalitattivi empiriċi jippruvaw jifhmu fil-fond fenomeni u proċessi reali tat-traduzzjoni; jagħmlu ħilithom biex jifhmu kwistjonijiet speċifiċi u kif it-traduzzjoni sseħħ f’kuntesti u sitwazzjonijiet partikolari, u biex isibu soluzzjonijiet għal problemi relatati mat-traduzzjoni. Filwaqt li studji bbażati fuq testi u intervisti għadhom komuni ħafna fir-riċerka kwalitattiva tal-ST, it-traduzzjoni qed tiġi studjata dejjem aktar bħala attività dipendenti fuq is-sitwazzjoni. Għaldaqstant, l-istudji fuq il-lant tax-xogħol (*workplace studies*) u fuq il-post (*field studies*) qegħdin dejjem jiżdiedu (ara, pereżempju, ix-xogħol ta’ Ehrensberger-Dow u l-kollegi, u Risku u l-kollegi).

Ir-riċerkaturi tal-ST qed iqattgħu ħin fuq il-post, jagħmlu r-riċerka f’uffiċċji ta’ tradutturi li jaħdmu għal rashom, f’aġenziji tat-traduzzjoni, djar tal-pubblikazzjoni u f’istituzzjonijiet internazzjonali. Qed tingħata attenzjoni lill-ambjent naturali tax-xogħol, lin-netwerk ta’ persuni involuti fil-prattiki tat-traduzzjoni inkluż l-għodod u l-interazzjonijiet tagħhom, bl-ispeċifiċitajiet kollha tagħhom. Id-differenzi individwali enormi żvelati minn studji li pruvaw jiddentifikaw ġeneralizzazzjonijiet relatati mal-imġiba tat-tradutturi ħarġu fil-beraħ u enfansizzaw il-varjazzjoni wiesgħa tal-prattiki u l-proċessi tat-traduzzjoni li jiddependu mill-kuntest u l-ħin, jinbidlu minn traduttur għal traduttur, minn aġenzija għal oħra u minn istituzzjoni għal oħra. Din ir-realizzazzjoni wasslet għal studji interessanti dwar l-imġiba u l-prattiki tat-traduzzjoni, u tħeġġeġ aktar studji simili; din hija rotta b’ħafna potenzjal għal riċerka kwalitattiva futura.

It-traduzzjoni letterarja tista’ tibbenefika ferm minn studji fuq il-post u riċerka kwalitattiva orjentata lejn il-proċess kif wera x-xogħol ta’ studjużi bħal Buzelin (2006), Kolb (2017) u Borg (2022). Għalkemm il-fenomenoloġija toffri ħafna potenzjal għall-istudju tal-fenomeni u l-esperjenzi tat-traduzzjoni, dan l-approċċ kwalitattiv ftit li xejn ġie applikat fl-ST. Il-fenomenoloġija tista’ tintuża biex jiġu esplorati varjetà wiesgħa ta’ fenomeni u esperjenzi bħal pereżempju kif it-tradutturi jesperjenzaw l-anonimità ta’ xogħolhom jew kif iħossuhom meta joffrulhom rati ta’ ħlas baxxi, jew xi jfisser li taqra letteratura tradotta.

Permezz tal-etnografija virtwali u metodi oħra simili, it-tradutturi u l-lant tax-xogħol tagħhom qed jiġu investigati dejjem aktar permezz tal-internet. Ir-riċerka kwalitattiva permezz tal-internet qed tiżdied mhux biss minħabba l-konvenjenza u l-aċċessibbiltà li joffri l-internet iżda wkoll peress li l-professjoni tat-traduzzjoni qed issir dejjem aktar ibbażata fuq l-internet. L-internet jiftaħ bosta opportunitajiet ta' riċerka, madankollu xorta waħda jeħtieġ li jiġu implimentati l-kriterji ta' kwalità u li jiġu salvagwardjati l-prinċipji etiċi.

Id-diversità metodoloġika hija ta' benefiċċju għad-dixxiplina tagħna għalhekk huwa importanti li din tiġi sostnuta. Fir-riċerka kwalitattiva huwa kruċjali kemm li jintgħażel id-disinn tar-riċerka l-aktar addattat għal studju speċifiku, kif ukoll ir-rigorożità u sistematiċità fir-riċerka, irrispettivament mill-paradimma, l-approċċ u l-metodi magħżula.

lura għal fuq

# Bibliografija

Adams, Catherine & Max van Manen. 2008. "Phenomenology" @ Given, Lisa M. (ed.) 2008. The SAGE encyclopedia of qualitative research methods. Los Angeles: SAGE, 614-619. ISBN 9781412941631. [+info]

Borg, Claudine. 2024. "Revising a Literary Translation for Publication: Insights from an Autoethnographic Study" @Translation Spaces. https://doi.org/10.1075/ts.23040.bor [+info]

Borg, Claudine. 2022. A literary translation in the making. A process-oriented perspective. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781003150909 [+info]

Borg Claudine, Carmen Heine & Hanna Risku. Forthcoming. "Observation and diaries" @ Rojo López, Ana M. & Ricardo Muñoz Martín (eds.) Forthcoming. Innovative data collection methods in cognitive translation and interpreting studies. Amsterdam: John Benjamins.

Busetto, Loraine; Wolfgang Wick & Christoph Gumbinger. 2020. "How to use and assess qualitative research methods" @ Neurological Research and Practice 2/14, 1-10. https://doi.org/10.1186/s42466-020-00059-z [+info] [quod vide]

Buzelin, Hélène. 2006. "Independent publisher in the networks of translation" @ TTR 19/1, 135-173. https://doi.org/10.7202/016663ar [+info] [quod vide]

Charmaz, Kathy, Robert Thornberg & Elaine Keane. 2018. "Grounded theory and social justice inquiry" @ Denzin, Norman K. & Yvonna S. Lincoln (eds.) 2018. The SAGE handbook of qualitative research, 705-760. Los Angeles: SAGE (5th edition). ISBN 9781506365442. [+info]

Creswell, John W. 2013. Qualitative inquiry & research design. Choosing among five approaches. Los Angeles: SAGE (3rd edition). ISBN 9781412995306. [+info]

*Creswell, John W. & Cherly N. Poth. 2018. Qualitative inquiry & research design. Choosing among five approaches. Los Angeles: SAGE (4th edition). ISBN 9781506330211. [+info]

*Denzin, Norman K. & Yvonna S. Lincoln. 2018. "Introduction: The discipline and practice of qualitative research" @ Denzin, Norman K. & Yvonna S. Lincoln (eds.) 2018. The SAGE handbook of qualitative research, 31-76. Los Angeles, CA: SAGE (5th edition). ISBN 9781506365442. [+info]

Dorer, Brita. 2020. Advance translation as a means of improving source questionnaire translatability? Findings from a think-aloud study for French and German. Berlin: Frank & Timme. ISBN 9783732905942. [+info]

*Flick, Uwe. 2018. An introduction to qualitative research. Los Angeles: SAGE (6th edition). ISBN 9781526445650. [+info]

*Given, Lisa M. (ed.) 2008. The SAGE encyclopedia of qualitative research methods. Los Angeles: SAGE. ISBN 9781412941631. [+info]

Hammersley, Martyn & Paul Atkinson. 2019. Ethnography. Principles in practice. New York: Routledge (4th edition). https://doi.org/10.4324/9781315146027 [+info]

Hokkanen, Sari. 2016. To serve and to experience. An autoethnographic study of simultaneous church interpreting. Doctoral dissertation. Tampere: Tampere University Press. [+info] [quod vide]

Hubscher-Davidson, Séverine. 2022. “Introduction: expanding and rethinking translation psychology” @ Hubscher-Davidson, Séverine & Caroline Lehr (eds.) 2022. The psychology of translation. An interdisciplinary approach, 1-8. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781003140221 [+info]

Jakobsen, Arnt L. & Fabio Alves. 2021. “Introduction” @ Alves, Fabio & Arnt L. Jakobsen (eds.) 2021. The Routledge handbook of translation and cognition, 1-20. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315178127-1 [+info]

Kolb, Waltraud. 2017. “‘It was on my mind all day’: Literary translators working from home—some implications of workplace dynamics” @ Translation Spaces 6/1, 27-43. https://doi.org/10.1075/ts.6.1.02kol [+info]

Koskinen, Kaisa. 2008. Translating institutions. An ethnographic study of EU translation. Manchester: St. Jerome (now Routledge). https://doi.org/10.4324/9781315759760 [+info]

Li, Defeng. 2004. “Trustworthiness of think- aloud protocols in the study of translation processes” @ International Journal of Applied Linguistics 14/3, 301-313. https:// doi.org/10.1111/ j.1473- 4192.2004.00067.x [+info]

McKechnie, Lynne E.F. 2008. “Observational research” @Given, Lisa M. (ed.) 2008. The SAGE encyclopedia of qualitative research methods. Los Angeles: SAGE, 573-575. ISBN 9781412941631. [+info]

Mellinger, Christopher D. & Thomas A. Hanson. 2022. “Research data” @ Zanettin, Federico & Christopher Rundle (eds.) 2022. The Routledge handbook of translation and methodology, 307-323. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315158945-23 [+info]

Mellinger, Christopher D. & Thomas A. Hanson. 2021. “Latent variables in translation and interpreting studies: Ontology, epistemology, and methodology.” @ Halverson, Sandra L. & Álvaro Marín García (eds.) Contesting epistemologies in cognitive translation and interpreting studies, 104-128. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781003125792 [+info]

Milošević, Jelena & Hanna Risku. 2021. “Situated cognition and the ethnographic study of translation processes: Translation scholars as outsiders, consultants and passionate participants” @ Linguistica Antverpiensia, New Series: Themes in Translation Studies 19, 111-131. https://doi.org/10.52034/lans tts.v19i0.545 [+info] [quod vide]

Motulsky, Sue L. 2021. “Is member checking the gold standard of quality in qualitative research?” @ Qualitative Psychology 8/3, 389-406. https://doi.org/10.1037/qup0000215 [+info]

Mouratidou, Maria; Mark Crowder & Helen Scott. 2020. “Grounded theory through the lenses of interpretation and translation” @ The Grounded Theory Review 19/2, 36-56. [+info] [quod vide]

Piecychna, Beata. 2020. “Simulating jobs of the translation industry: On the specificity of role-playing in a translation project from the perspective of translation students” @ Current Trends in Translation Teaching and Learning E, 7, 77-117. [+info] [quod vide]

Pinnegar, Stefinee & J. Gary Daynes. 2007. “Locating narrative inquiry historically: Thematics in the turn to narrative” @ Clandinin, D. Jean (ed.) 2007. Handbook of narrative inquiry. Mapping a methodology, 3-34. Thousand Oaks: SAGE. https://dx.doi.org/10.4135/9781452226552 [+info]

Risku, Hanna; Jelena Milošević & Regina Rogl. 2017. “Final report of the research project ‘Extended translation: Sociocognitive translation processes in the workplace’”. [+info] [quod vide]

*Saldanha, Gabriela & Sharon O’Brien. 2014. Research methodologies in translation studies. London: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315760100 [+info]

Sannholm, Raphael. 2021. Translation, teamwork, and technology. The use of social and material scaffolds in the translation process. Doctoral dissertation. Stockholm University. [+info] [quod vide]

Susam-Sarajeva, Şebnem. 2009. “The case study research method in translation studies” @ The Interpreter and Translator Trainer 3/1, 37-56. https://doi.org/10.1080/1750399X.2009.10798780 [+info]

Summers Caroline. 2022. “Narrative theory” @ Zanettin, Federico & Christopher Rundle (eds.) 2022. The Routledge handbook of translation and methodology, 254-269. London: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315158945-19 [+info]

Verbrugge, Lois M. 1980. “Health diaries” @ Medical Care 18, 73-95. http:// 10.1097/00005650-198001000-00006 [+info]

Yin, Robert K. 2003. Case study research. Design and methods. Thousand Oaks: SAGE (3rd edition). ISBN 978-0761925538. [+info]

Zanettin, Federico & Christopher Rundle (ed.) 2022a. The Routledge handbook of translation and methodology. London: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315158945 [+info]

Zanettin, Federico & Christopher Rundle. 2022b. “Methodology in translation studies. An introduction” @ Zanettin, Federico & Christopher Rundle (eds.) 2022. The Routledge handbook of translation and methodology, 1-8. New York: Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315158945-1 [+info]

# Ħajr

## Claudine Borg

Claudine Borg hija lettriċi fl-Università ta' Malta, fejn tgħallem fil-Masters fl-Istudji tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija. Għandha dottorat fl-Istudji tat-Traduzzjoni mill-Università ta' Aston, Birmingham, u l-interessi tar-riċerka tagħha jduru primarjament mal-proċess tat-traduzzjoni u t-traduzzjoni letterarja. Ippreżentat xogħolha f'għadd ta' konferenzi internazzjonali u ppubblikat diversi artikli u kotba akkademiċi kif ukoll traduzzjonijiet letterarji. Fost l-aktar pubblikazzjonijiet riċenti tagħha nsibu l-monografija bit-titlu *A Literary Translation in the Making: A Process-Oriented Perspective* (2022) ippubblikata minn Routledge. Hija membru fin-netwerk ta' riċerka TREC u sservi fil-bord eżekuttiv tal-*European Society for Translation Studies* (EST) fejn għandna r-rwol ta' editur ewlieni tan-Newsletter tal-EST.

## Dwar it-traduzzjoni

It-traduzzjoni għall-Malti saret mill-awtriċi stess.

Ħajr lil David Aloisio u Sergio Portelli għall-kummenti siewja tagħhom fuq il-verżjoni Maltija.

Meta ntużaw termini ġodda bil-Malti għal kunċetti magħrufin bl-Ingliż, ingħata t-terminu bl-Ingliż fil-parenteżi l-ewwel darba li deher.

Obra publicada con Licencia Creative Commons Reconocimiento Compartir igual 4.0

Asociación Ibérica de Estudios de Traducción e Interpretación (AIETI)